**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 37/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Duncan Caruana**

Illum, 29 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Duncan Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0265087(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 t'April 2020 għall-ħabta tad-21:30hrs waqt li kien fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar:

i) Inġurja u/jew hedded lil WPS 223 C.Calleja, PC 1553 F. Mizzi u lil PC 1386 J.Falzon, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

ii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jobdi ordnijiet leġittimi t'awtorita' ċioe ta' WPS 223 C.Calleja u ta' PC 1553 F.Mizzi, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu id-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħlilhom fi dmirijithom billi ma ħalliehomx jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li WPS 223

C.Calleja u ta' PC 1553 F.Mizzi kienu għamlu skond il-liġi jew b'xi mod ieħor;

iii) U aktar talli sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat artikolu 49, 50, 95, 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat Duncan Caruana ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-ħlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000).

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-15 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena, jew
2. B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ilment tal-appellant dirett lejn is-sentenza appellata jikkonċerna b'mod ewlieni dak li fil-fehma tiegħu kien apprezament żbaljat tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti anke in vista tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-aħjar prova konsistenti f'filmat minn *cameras* tas-sigurta' li kien hemm fl-akwati fejn seħħ l-inċident. Sussidjarjament jilmenta illi l-piena nflitta fuqu kienet waħda ħarxa iżżejjed.

Illi sabiex tindirizza l-aggravvju imqajjem mill-appellant il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża bil-għan li tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-

Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Mill-atti jemerġi illi l-pulizija bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom wara li kien daħlilhom rapport minn sid vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV513 illi xi ħadd mhux magħruf kien ħabat fil-vettura tiegħu waqt li kien ipparkjat u li din il-vettura kienet tal-għamla Mercedes ta' lewn abjad bl-ittri ta' reġistrazzjoni LDG. Madwar siegħa wara daħal rapport ieħor dwar argument li kien hemm bejn xi nies ġewwa San Pawl il-Baħar u il-pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw. Meta wasslu fuq il-post ġiet innutata vettura Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni LDF464 li kellha xi ħsarat kompatibbli ma' dak rappurtat aktar kmieni minn sid il-vettura KBV513. Din il-vettura kienet tgħajjat lil ċertu Francesca Caruana, mart l-appellant. Meta interrogati kemm hu kif ukoll martu fuq dan l-inċident l-appellant jidher li daħal f'battibekk mal-pulizija. Jirriżulta mill-affidavits tal-pulizija illi lil PC 1386 l-appellant qallu l-kliem "**Int sa sagħtejn oħra baqalek bl-uniformi**", lil PC 1553 qallu "**Ejja sibni bla uniformi għax jien ħa nsibek lilek bla uniformi**" u lil WPS 223 qallilha "**Jiena għalha għandi ntik id-dettalji tiegħi, int min int, jien l-avukat tiegħi Dr Franco Debono qalli biex id-dettalji nagħtihom biss lil Spettur u mhux lil biċċa Pulizija**".

L-appellant jikkontendi primarjament li minn ezami tal-provi prodotti, u ċioe mix-xhieda mogħtija mill-Pulizija nvoluti f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għal sejbien ta' ħtija. Jiċċita fir-rikors tal-appell tiegħu siltiet mit-testimonjanzi ta' diversi xhieda li fl-opinjoni tiegħu kienu konfliġġenti meta jqabbilhom mal-kontenut tal-*affidavits* magħmula mill-istess xhieda. *In oltre*, l-appellant jikkontendi ukoll li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova, li f'dan il-kaz kien filmat minn camera *CCTV* li ġibed dak li rejalment seħħ.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, jibda biex jingħad illi mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, l-pulizija, fl-investigazzjonijiet tagħhom għamlu stħarriġ dwar xi filmati li setgħu ġibbdu l-inċident, iżda din l-investigazzjoni rriżultat fin-negattiv. Illi mill-affidavit ta' PC 1553 F. Mizzi, jirrizulta ċar li l-akkadut ma jidhirx fuq il-*footage* meħud mill-*camera* li l-appellant jindika fir-rikors tal-appell. Kwindi din il-prova ma setgħet tixħet ebda dawl fuq dak li seħħ u dan għaliex kif jidher mill-isemmi affidavit:

> **"Deher li nhar il-25/04/2020 għall-ħabta ta' 19:28hrs dehret l-imsemmija vettura kif ukoll deher li l-fanal kien għadu ma ġarabx l-ebda ħsarat."**

Illi r-rapport lil pulizija dwar l-inċident daħal fit-20:10 ta' fil-għaxija u għalhekk wara il-ħin indikat fir-reġistrazzjoni u allura, ġialadarba dan l-istess filmat ma kienx juri l-ħabta bejn il-vetturi kif rappurtat, ftit kien ta' rilevanza għall-kawza odjerna. Illi fuq kollox il-filmat li dwaru l-appellant jagħmel tant enfasi ma jikkonċernax il-fattispeċje ta' dan il-każ, iżda jikkonċerna l-allegata kollizzjoni li seħħet bejn il-vettura KBV513 u dik misjuqa minn Francesca Caruana, li mhijiex akkużata b'ebda reat f'dawn il-proċeduri.

Illi imbagħad l-appellant jallega illi jeżistu diskrepanzi lampanti bejn dak dikjarat mill-uffiċjali tal-Puliizja nvoluti f'dan il-każ fl-*affidavits* tagħhom u dak li imbagħad xehdu quddiem l-Ewwel Qorti in kontro-eżami. Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid din ix-xiehda u tqies illi id-diskrepanzi ravviżati mill-appellant fil-fatt ma ixejjnux il-kredibilita' ta' dak dikjarat minn dawn l-uffiċjali tal-pulizija. PC 1386, per eżempju, kien sempliċiment mistoqsi jekk kienx jaf minn daħħal ir-rapport *de quo*. WPC 378 kienet mistoqsija jekk kellix involviment ieħor ħlief li għamlet ir-rapport dwar il-*hit and run*. PC 330 ikkonferma li meta mar fuq il-post, l-argument kien ikkalma mbagħad kienet ġiet innutata l-vettura in kwistjoni. PC 1553 jikkonferma ukoll li kif nizlu fuq il-post l-argument li dwaru daħal ir-rapport kien ikkwieta. WPS 223 fl-aħħarnett ukoll ikkonfermat li x'ħin waslet fuq il-post, l-argument kien ikkalma izda tikkonferma ukoll li rat lill-appellant jargumenta mal-Pulizija. Illi madanakollu dawn l-affermazzjonijiet iridu jinqraw flimkien mal-affidavits ippreżentati in atti, u li saru ftit taż-żmien wara l-inċident, li huma pjuttost ddetaljati. It-tweġibiet ta' dawn ix-xhieda in kontro-eżami huwa rifless fl-*affidavits* tagħhom.

Jirriżulta minn eżami tal-atti illi l-Pulizija rrikorrew fuq il-post meta daħlilhom rapport li kien hemm argument għaddej bejn xi nies. Meta waslu fuq il-post dan l-argument kien ikkalma, kif filfatt xehdu il-Pulizija quddiem l-Ewwel Qorti. F'dan il-ħin madanakollu nnutaw vettura li dwarha kien daħal rapport ieħor aktar kmieni fil-ġurnata dwar xi inċident u kien proprju għalhekk li ġiet mitkellma sid il-vettura Francesca Caruana. Hawnhekk l-appellant, li jiġi r-raġel tagħha, daħal f'battibekk mal-Pulizija in kwistjoni. Dwar x'diskors ingħad minn hawn 'il quddiem ma sar ebda kontro-eżami u għalhekk dak li hemm imnizzel fl-*affidavits* fir-rigward huwa kkunsidrat ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tagħhom f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqs li kieku dawn ix-xhieda xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk jirrizulta li meta l-appellant ra lill-mara tiegħu qegħdha tammetti li filfatt kienet hija l-kaġun tal-*hit and run* li kienet qed tiġi mistoqsija dwarha, huwa prova jintervjeni u beda jhedded lill-istess Pulizija u lissen id-diskors indikat iktar 'il fuq. Kwindi huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment issib il-ħtija ghar-reati addebitati lill-appellant u għaldaqstant, l-ewwel zewġ aggravji mressqa minnu qed jiġu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-ewwel zewġ aggravji mressqa mill-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena inflitta fuqu, u ċioe dik ta' multa ta' elf Ewro fejn l-appellant jilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi d-deċizjoni ta' l-Ewwel Qorti li timponi fuq l-appellant multa ta' €1000 kienet waħda legalment u raġonevolment valida, u li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi. *Di piu'* l-appellant

ma iressaq ebda raġuni valida fil-liġi li fuqha isejjes dan l-aggravvju u dan tenut kont tal-fatt illi l-piena tqarreb ħafna lejn il-minimu. Għalhekk, dan l-aħħar aggravju tal-appellant ukoll qed jiġi respint.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**